

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Sistemi Ġudizzjarji Nazzjonali](#) > Hungary

Sistemi ġudizzjarji nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn Ungerija

Ungerija



La presente sezione contiene informazioni ġenerali sull'ordinamento giudiziario ungherese.

Amministrazzjoni tal-qrati

Il-President tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Ġustizzja

L-amministrazzjoni ċentrali tal-qrati hija mmaniġġjata mill-President tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Ġustizzja (UNĠ), appoġġjat mill-Viċi President Ġenerali u Viċi Presidenti ulterjuri, kif ukoll mill-persunal tal-UNĠ. Il-ħidma amministrattiva tal-President tal-UNĠ hija ssorveljata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ġustizzja (KNĠ). Il-President tal-UNĠ huwa responsabbli għall-imġiba u l-effiċjenza tal-amministrazzjoni ċentrali u għall-eżekuzzjoni tal-kompiti tiegħu b'mod kompatibbli mal-prinċipju kostituzzjonali ta' indipendenza ġudizzjarja, sakemm dan ikun provdut bil-liġi. Fl-eżerċizzju tas-setgħat amministrattivi tiegħu jew tagħha, il-President tal-UNĠ jagħti d-deċiżjonijiet, ir-regolamenti u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

Il-President tal-UNĠ jiġi elett b'żewġ terzi maġġoranza tal-membri tal-Parlament Ungeriż, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-President tar-Repubblika. Imħallef wieħed biss jista' jiġi elett bħala President tal-UNĠ.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġustizzja

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġustizzja (KNĠ) huwa l-korp li jissorvelja l-amministrazzjoni ċentrali tal-qrati. Il-KNĠ għandu s-sede tiegħu f'Budapest u jikkonsisti fi 15-il membru. Il-President tal-*Kúria* (il-Qorti Suprema) huwa membru tal-KNĠ, filwaqt li l-14-il membru l-oħra jiġu eletti waqt laqgħa tad-delegati tal-imħallfin minn fost id-delegati b'votazzjoni permezz ta' vot sigriet, b'maġġoranza sempliċi. Waqt l-ewwel laqgħa, id-delegati tal-imħallfin jeleġġu mħallef wieħed minn qorti tal-appell, ħamsa mill-qrati ġenerali, sebgħa mit-tribunali lokali u wieħed mill-qorti industrijali. (Il-qrati distrettwali, il-qrati amministrattivi u industrijali se jibdew joperaw mill-1 ta' Jannar 2013.)

Organizzazzjoni tal-qrati

Fl-Ungerija, il-ġustizzja hija eżerċitata mit-tipi ta' qrati li ġejjin:

- il-*Kúria* (il-Qorti Suprema tal-Ungerija);
- il-qrati reġjonali tal-appell (*'ítélőtáblák'* bl-Ungeriż);
- il-qrati ġenerali (*"törvényszékek"* bl-Ungeriż);
- il-qrati distrettwali (*"járásbíróságok"* bl-Ungeriż) u
- il-qrati amministrattivi u industrijali.

Il-qasam ta' ġuriżdiżjoni tal-qrati ġeneralment jikkorrispondu għall-konfini amministrattivi, u l-isem tal-qorti jindika l-post fejn tinsab.

Imħallfin nonprofessionali (nem hivatásos bíró) jistgħu jipparteċipaw fi proċedimenti ġudizzjarji bħala assessuri

f'ċerti kawżi taħt kundizzjonijiet preskritti bil-liġi, iżda m'hallfin professjonali biss jistgħu jaġixxu ta' m'hallfin uniċi (egyesbíró) jew ta' presidenti tal-kunsill (tanácselnök).

Im'hallfin professjonali jinħatru mill-President tar-Repubblika u jistgħu jitneħħew mill-kariga biss minħabba raġunijiet, u skont il-proċeduri, speċifikati mil-liġi. L-im'hallfin huma indipendenti u huma suġġetti biss għal-liġi, u la jistgħu jkunu membri ta' partiti politiċi u lanqas ikunu involuti f'attivitajiet politiċi.

Ġerarkija tal-qrati

Qrati distrettwali, u qrati amministrattivi u industrijali

Il-qrati distrettwali u l-qrati amministrattivi u industrijali jismgħu kawżi fl-ewwel istanza. (Sal-31 ta' Diċembru 2012, il-kawżi jinstemgħu fl-ewwel istanza mill-qrati lokali u l-qrati industrijali).

Qorti amministrattiva u industrijali tisma' kawżi li jikkonċernaw ir-reviżjoni ġudizzjarja tad-deċiżjonijiet amministrattivi jew marbuta mal-impjegi u relazzjonijiet simili (u kawżi oħrajn li jiġu rrinvijati quddiemhom skont il-liġi).

It-taqsimiet jistgħu jiġu stabbiliti fi ħdan il-qrati distrettwali u l-qrati amministrattivi u industrijali għall-immaniġġjar ta' tipi speċifiċi ta' kawżi.

Qrati ġenerali

Il-qrati ġenerali jismgħu kawżi fl-ewwel istanza fejn tipprovdi dan il-liġi, u jismgħu anki l-appelli mressqa minn deċiżjonijiet mogħtija mill-qrati lokali u l-qrati industrijali qabel il-31 ta' Diċembru 2012 jew mill-qrati distrettwali jew mill-qrati amministrattivi jew industrijali wara l-1 ta' Jannar 2013.

Il-qrati ġenerali joperaw fil-forma ta' bordijiet (*tanács*), taqsimiet u diviżjonijiet (*kollégium*) kriminali, ċivili, ekonomiċi, amministrattivi u industrijali. Diversi diviżjonijiet jistgħu jiffunzjonaw ukoll kollettivament.

Kawżi speċifiċi jinstemgħu minn tribunali militari (*katonai tanács*) fi qrati ġenerali magħżula u b'oqsma ta' ġuriżdiżjoni definiti.

Qrati tal-Appell Reġjonali

Regional courts of appeal operate in Debrecen, Szeged, Budapest, Győr and Pécs. Dawn il-qrati jismgħu l-appelli mressqa mid-deċiżjonijiet mogħtija mill-qrati lokali u l-qrati ġenerali qabel il-31 ta' Diċembru 2012 jew mill-qrati distrettwali u ġenerali wara l-1 ta' Jannar 2013 f'kawżi speċifikati mil-liġi, u jismgħu kawżi oħrajn irrinvijati bil-liġi għall-ġuriżdiżjoni tagħhom. Sal-31 ta' Diċembru 2012, l-appelli f'kawżi amministrattivi jinstemgħu mill-Qorti tal-Appell ta' Budapest.

Il-qrati reġjonali tal-appell għandhom bordijiet u diviżjonijiet kriminali u ċivili. Sal-31 ta' Diċembru 2012, il-Qorti tal-Appell ta' Budapest għandha wkoll diviżjoni amministrattiva.

Oqsma ta' ġuriżdiżjoni

- Qorti Reġjonali tal-Appell ta' Szeged: il-kontea ta' Csongrád, ta' Bács-Kiskun u ta' Békés;
- Qorti Reġjonali tal-Appell ta' Pécs: il-kontea ta' Baranya, ta' Somogy, ta' Tolna u ta' Zala;
- Qorti Reġjonali tal-Appell ta' Debrecen: il-kontea ta' Hajdú-Bihar, ta' Borsod-Abaúj-Zemplén, ta' Jász-Nagykun-Szolnok u ta' Szabolcs-Szatmár-Bereg;
- Qorti Reġjonali tal-Appell ta' Győr: il-kontea ta' Győr-Moson-Sopron, ta' Komárom-Esztergom, ta' Vas u ta' Zala;
- Qorti Reġjonali tal-Appell ta' Budapest: Budapest, il-kontea ta' Fejér, il-kontea ta' Heves, il-kontea ta' Pest u l-kontea ta' Nógrád.

Il-Kúria (il-Qorti Suprema)

Il-Kúria hija l-korp ġudizzjarju suprem tal-Ungerija u għandha s-sede tagħha f'Budapest. Il-Kúria jew il-Qorti Suprema tiżgura li l-qrati japplikaw il-liġi b'mod uniformi u tadotta deċiżjonijiet li jarmonizzaw il-liġijiet għal dan il-għan u li jorbtu lill-qrati kollha.

Il-President tal-Qorti Suprema jiġi elett mill-Parlament Ungeriż, b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-President tar-Repubblika. Imħallef wieħed biss jista' jiġi elett bħala President tal-Qorti Suprema. Il-President tar-Repubblika jaħtar lill-Viċi Presidenti tal-Qorti Suprema fuq ir-rakkomandazzjoni tal-President tal-Qorti Suprema.

Il-Kúria (il-Qorti Suprema)

- tisma' l-appelli mressqa mid-deċiżjonijiet mogħtija mill-qrati ġenerali u mill-qrati reġjonali tal-appell (f'każijiet speċifikati mil-liġi);
- tisma' azzjonijiet għal stħarriġ (*felülvizsgálati kérelem*);
- tadotta deċiżjonijiet li jarmonizzaw il-liġijiet (*jogegységi határozat*) li jorbtu lill-qrati kollha tal-ġustizzja;
- tanalizza l-ġurisprudenza stabbilita mis-sentenzi finali, u tawditja u tirrevedi l-prattika ta' aġġudikazzjoni ġenerali tal-qrati;
- tadotta d-deċiżjonijiet ġudizzjarji u s-sentenzi ta' prinċipju legali;
- tadotta deċiżjonijiet dwar l-inkompatibbiltà tad-digrieti tal-awtoritajiet lokali ma' liġijiet oħrajn u dwar l-annullament ta' tali digrieti;
- tadotta deċiżjonijiet li jistabbilixxu li awtorità lokali tkun naqset milli tilħaq l-obbligu tagħha li tadottata leġiżlazzjoni, kif speċifikat bil-liġi, u
- tisma' kawżi oħrajn irrinvijati għall-ġuriżdizzjoni tagħha.

Il-Qorti Suprema tikkonsisti f'bordijiet ta' aġġudikazzjoni u ta' armonizzazzjoni (ítélkező és jogegységi tanács), f'bordijiet li jikkonċernaw l-amministrazzjoni muniċipali u d-deċiżjonijiet ta' prinċipju legali, kif ukoll f'diviżjonijiet (kollégium) kriminali, ċivili u amministrattivi u industrijali u f'taqsimiet għal analiżi tal-ġurisprudenza.

L-aħħar aġġornament: 17/11/2015

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.